MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Awwissu 2021**

**Kumpilazzjoni numru 477/2021 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Stacy Gatt)**

**Vs**

**Saviour (Francis Xavier) Agius**
**(ID: 0203278M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Saviour (Francis Xavier) Agius** li ġie akkużat talli nhar il-25 ta' Lulju, 2021 u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, b'risoluzzjoni waħda:

1. Akkużat talli, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioè delitt ta' serq aggravat ta' vettura u affarijiet oħra, minn ġewwa Ħal-Qormi, ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bin-natura tal-ħaġa misruqa u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu ta' George Schembri u/jew persuni jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli nhar il-25 ta' Lulju, 2021 u/jew fil-ġimgħat ta' qabel, ġewwa tal-Pieta, ikkometta serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC787, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bin-natura tal-ħaġa misruqa u bil-valur

liema valur jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Volodymyr Stadnyk u/jew persuni oħra.

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Ewro (€250), għad-detriment ta' Volodymyr Stadnyk u/jew persuni oħra.

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibigħhom jew imexxihom.

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċidiv a terminu tal-Artikolu 289 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

6. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. M. Vella LL.D. fid-digriet mogħti nhar l-01 ta' Mejju, 2021 u digriet/i sussegwenti, li bih ta l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Saviour Agius u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Saviour Agius, u dan ai termini tal-artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi r-raba' imputazzjoni ġiet mogħtija lill-imputat bħala alternattiva tat-tieni imputazzjoni;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni tal-imputat u rat id-dokumenti esebiti, tqis li l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tiegħu li minnha jirriżulta li huwa riċediv u li hija miżgħuda b'kundanni għal reati identiċi għal dawk odjerni. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li għandu problema tal-vizzju tad-droga.

Għaldaqstant il-Qorti ma tarax li għandha triq oħra ħlief dik li timponi terminu ta' priġunerija effettiva.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (h), 41 (1) (a), 49, 50, 261 (b), (c), (f), u (g), 278 (3), 279 (b), 289, 325 (c), 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali , tiddikjara lill-imputat **Saviour (Francis Xavier) Agius** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, ħlief għar-raba' imputazzjoni peress li din ingħatat bħala alternattiva għat-tieni imputazzjoni, u tikkundannah għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar priġunerija.

In oltre, ai termini tal-artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-ħati mogħti permezz ta' digriet tal-1 ta' Mejju 2021 u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu filwaqt li tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta is-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

Finalment, ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, in vista tal-problema ta' dipendenza fuq id-droga, il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kollha elenkati f'digriet mogħti llum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur